Tant ihobbu lil raħlu u raħli, u tant huma għal qalbu wlied is-Sigġiewi, li dan il-ktieb iddedikah lil ħutu Siġġiwin li fosthom twieled u kiber u tgħallem il-Malti.

META TOHLOM IL-QALB huwa l-isbaħ u l-egħżeż tifkira li l-Poeta tal-Hlewwa u tat-Tjieba sata' jħallilna f'ħajtu għat-tiġdid tal-kobor poetiku tiegħu wara mewtu. Saċerdot u patrijott, poeta kbir u oratur ta' ħila, lingwist u reliġjuż mill-aħjar, Patri Delia, li ħabb u għanna bloħla versi r-Reliġjon ta' Kristu, il-ġmiel ta' Malta u l-qlubija ta' niesha, it-tiġrib li għaddejna minnu fl-aħħar gwerra, u dak li hemm sabiħ u nobbli fil-ħolqien u fil-ħajja, *non omnis morietur*.

K. VASSALLO

IN MEMORIAM

REV. PATRI RIKARD BORN, O.P.

Wieħed mill-aktar abbonati antiki tar-rivista tagħna, ir-Rev. Patri Rikard Born, O.P., ħalliena biex imur għall-premju li jistħoqqlu fis-Saltna tas-Sema.

Patri Born ma kienx abbonat ta' l-isem, imma kien ihobbha tassew minn qalbu lir-rivista tal-Għaqda; kien jaqraha mill-bidu sat-tmiem, jitkellem fuqha u jfaħħarha għal dak kollu li jkun hemm fiha sabiħ u tajjeb.

Nagħtu l-għomor lill-Komunità Dumnikana, fosthom lil neputih, ir-Rev. Patri Wistin Born, O.P., membru tal-Kunsill tal-Għaqda, kif ukoll lill-qraba u l-ħbieb.

Mulej, agħtih il-mistrieħ ta' dejjem.

v.a.

TISWIJA DWAR IL-LISTA TA' MEMBRI

Fil-Lista tal-Membri tal-Għaqda li dehret fl-aħħar ħarġa ta' IL-MALTI, jisgħobbina li qabżulna l-isem ta' PATRI ALFRED M. PREVI, O.P. u l-isem tas-SUR ALBERT MALLIA ZARB, B.A. (Hons.), li daħlu membri, wieħed fit-12.3.60 u l-ieħor fl-4.12.60. Isimhom għandu jidher fil-Lista darb'oħra u f'dik li se jkun hemm fi gwernić mal-ħajt tad-Dar tal-Għaqda.

ERRATA-CORRIGE

TISWIJA—Il-ħdax-il vers ta' l-ewwel stanza u l-ħdax-il vers tat-tieni stanza fil-poeżija ta' K. Vassallo, "Lil Dun Mikiel Xerri", li dehret f'IL-MALTI ta' Settembru, 1962, pp. 67-71, iridu jinqraw kif ġej:

'li għall-qawwa li *wrejt* quddiem l-egħdewwa...' u
'*mija u sittin* sena ilu u tlieta magħhom.'

WERREJ GHAS-SENA 1962

A.Z.
Freddie Buhagiar ... ... faċċ. 26

Gorg Pisani — Poeta ... ... ,, 51

Karmenu Vassallo, Poeta u Filosofu ... ... ,, 104

Abela Cużi
Kristina ... ... ,, 109

Agius Muscat, Anton
Lejla Dawl ta' Qamar ... ... ,, 42

Aquilina, Fra Ġorġ, O.F.M.
Patri Liborju Caruana, O.F.M. ... ... ,, 9

Aquilina, Pawlu
Bla Benna, Bla Ġmiel ... ... ,, 103

Azzopardi, Louis
Grajjiet Trojja ... ... ,, 92

Barbara, Patri Valentin V., O.P.
Qrib il-Port ... ... ,, 21

Bezzina, John
Folklore tar-Randan f'Għawdex ... ... ,, 15

Pantalleresco, C., P.L.
Il-Għid it-Tajjeb ... ... ,, 60

Busuttil, Joe
Serħien ... ... ,, 41

Camilleri, Dun Frans
Lil Dun Mikiel Xerri ... ... ,, 35

Cardona, Cużè
Għaliex Mulejja? ... ... ,, 49

Coleiro, Charles
Milied Malti ... ... ,, 102

Cremona, A., D.Litt.
Il-Mewt tal-Prof. Patri A. Cuschieri, Ph.A., D.D., O.C. ,, 79